

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-14 ta' Lulju 2016

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Eesti Pank

(BĊE/2016/20)

(2016/C 266/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni preżenti tal-Eesti Pank, AS Deloitte Audit Eesti, intemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2015. Għalhekk huwa meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2016.
- (3) Eesti Pank għażel lil KPMG Baltics OÜ bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2016 sa 2020,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rakkomandat illi KPMG Baltics OÜ għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Eesti Pank għas-snin finanzjarji 2016 sa 2020.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-14 ta' Lulju 2016.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI
